MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1287/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**JOSEPH FARRUGIA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH FARRUGIA,** ta’ 60 sena, bin Lewis u Mary xebba Saliba, imwieled Birzebbugia nhar is-17 ta’ Marzu 1952, residenti 15, Triq il-Karmnu, Birzebbugia u detentur tal-karta tal-Identita’ bin-numru 239052M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, u cioe`:

Talli fl-4 ta’ Dicembru 2012 u/jew diversi xhur u snin qabel minn postijiet ta’ kostruzzjoni fosthom fl-iskola MCAST li tinsab f’Telghat Kordin Rahal Gdid, fi stabbilment f’Hal Luqa u/jew postijiet ohra f’dawn il-gzejjer kkommetta serq ta’ bricks, madum u vireg tal-hadid tal-kostruzzjoni u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravat, bil-hin, bil-persuna, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema oggetti misruqa huma propjeta tal-Kumpanija C&F Construction, Francesco Schembri u /jew persuni ohra.
Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indhahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe` laqa ghandu bricks, madum u vireg tal-hadid tal-kostruzzjoni u/jew oggetti ohra liema oggetti kienu misruqa minn fuq siti ta’ kostruzzjoni fl-iskola MCAST Rahal Gdid u/jew minn postijiet ohra f’dawn il-gzejjer.
Il-Qorti giet  mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe’ fedina penali, stqarrija u dokument mahrug mill-PIRS system.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta’ Dicembru 2012 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta’ rega’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (5) ta’ Dicembru 2012.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi:

1. L-imputat ikkopera maghha tul l-investigazzjoni.
2. Ir-res furtiva giet ritornata kollha.
3. Li d-danni materjali m’hemmx.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat ukoll li ghad fadal biex jigu rkuprati hames kaxxi madum b'valur ta' sittin Ewro (€60).

Rat illi l-imputat obbliga ruhu li jhallas dan l-ammont fi zmien gimgha mill-lum.

Rat illi l-imputat ghandu fedina penali netta minkejja l-eta' tieghu u ghaldaqstant ghandu jigi trattat bhala "a first time offender".

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261 (c), d, (f) (g), 267, 268, 271, 279 (a), 284, tal-Kapitolu 9, tiddeciedi li issib lill-imputat JOSEPH FARRUGIA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tliet snin mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------